# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 1 ta' Marzu 2016**

**Rikors Numru: 356/2013 CSH**

**Anthony Grech Sant**

**vs**

**Flavia Borg Bonaci**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar it-8 ta' Novembru 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) spejjes inkorsi minnu rigwardanti tinda li giet installata fil-fond proprjeta' tal-intimata bl-isem 'Galileo Apartments', Flat 7 f'The Strand, Sliema u in kwantu ghas-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur rigwardanti xoghol ta' soffit li sar fil-proprjeta' tal-intimata, oltre spejjez ohra nkorsi mill-attur ghal xoghol ta' manutenzjoni li sar fil-fond proprjeta' tal-intimata.

Tirrifondi lura oggetti mobbli proprjeta' tal-attur inkluz arlogg tad-ditta Rolex u ikoni tal-fidda.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ingunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 25 ta' Jannar 2012, 23 ta' Frar 2012, 2 ta' Lulju 2012 u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali fl-ismijiet 'Anthony Grech Sant vs Flavia Borg Bonaci' u bl-imghaxijiet.

Rat ir-risposta ta' Flavia Borg Bonaci pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet:

1. *Illi in kwantu l-azzjoni attrici hija actio de rem in verso din hija preskritta.*
2. *Illi in kwantu it-talbiet attrici jirrigwardaw xi benefikati maghmula fil-fond 'Galileo Apartments' Flat 7, The Strand, Sliema l-intimata ghandha tigi liberate ab osservantia judicis stante illi hija m'hijiex l-legittima kontraditrici ghal tali talbiet essendo illi tali benefikati se mai ghaddew ghall-beneficcju ta' terzi u mhux lilha.*
3. *Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici rigwardanti benefikati maghmula fil-fond 'Galileo appartments' Flat 7, The Strand, Sliema dawn it-talbiet ghandhom jigu f'kull kaz michuda stante illi dawn kienu qed isiru bi tpacija ghall-godiment ta' l-istess fond, inkluzi s-servizzi mill-attur tul is-snin li huwa ghex fil-fond.*
4. *Illi in kwantu t-talbiet attrici huma dwar rifuzjoni ta' oggetti mobbli, dawn ghandhom jigi michuda peress illi oggetti inghataw b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli.*
5. *Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

**Flavia Borg Bonaci** xehdet nhar id-19 ta' Frar 2014 u spjegat li kienet u ghadha tghix fir-residenza Galileo Appartments, Flat 7, The Strand Sliema. Dan huwa l-istess appartament fejn l-attur qieghed jghid li ghamel xi ammeljoramenti. Ikkonfermat li din il-proprjeta' tappartjeni lil missierha Paul Borg. Qalet li missierha kien xtara dan il-flat xi sbatax- il-sena ilu cirka. Hi ma kienitx tghix f'dan l-appartament minn dejjem, dan kien jinkera fil-passat, ghalkemm illum il-

gurnata tghix go fih ma' bintha. Iddikjarat li kera lil missierha ma thallasx. Ikkonfermat li ma hemm l-ebda kuntratt li jirregola t-titolu taghha hemmhekk. Qalet li ilha xi seba' snin tghix f'dan l-appartament. Fil-perjodu tal-ghaxar snin ta' meta kien jinkera, din il-kera kien jirceviha missierha.

Il-konvenuta **Flavia Borg Bonaci** xehedet in kontro-ezami fl-14 ta' Mejju 2014 fejn ikkonfermat li l-attur kien il-partner taghha u damu xi sentejn u nofs jew tlieta flimkien sas-sena 2011. Huma kienu jghixu flimkien fil-propjeta' ta' missierha Galileo Appartments, Flat 7, The Strand, Sliema. Hija kienet diga' tghix f'dan il-post qabel ma l-attur kien mar jghix maghha. Hija kienet ilha tghix hemm ghal xi perijodu ta' xi hames snin. Il-propjeta' in kwistjoni kienet *fully furnished* meta mar jghix maghha l-konvenut. Hija spjegat li ghadha tghix hemmhekk sallum. Il-konvenuta kkonfermat li meta mar jghix maghha l-attur kien ha xi affarijiet. Kien hemm xi ghamara li fil-fatt hadha mieghu meta telaq, flimkien ma' hwejjgu.

Illum il-gurnata l-attur ma ghandu xejn f'dan il-post. Hija spjegat li hemm tlett it-twapet, pero' dawn huma f'kundizzjoni hazina u m'ghandhomx valur. Ikkonfermat li meta kien mar ighix hemm kien ha xi *gas heaters* kif ukoll *coffee machine* pero' dawn kien hadhom mieghu meta telaq. Fil-fatt meta mar jghix maghha kien qal li kien ser jikri l-propjeta' tieghu u jaghtiha nofs il-kera pero' fil-fatt qatt ma taha xejn, ghalkemm qalet li qatt ma talbitu. Mistoqsija min kien ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma wiegbet li fil-fatt dawn kienu jhallsuhom flimkien, fis-sens li daqqa kien ihallsu hu l-kont u gieli kienet thallas hi. Meta hija kienet tmur thallas hi, kienet thallas cash u meta effettivament kien ihallas hu, huwa kien ihallas permezz ta' card.

Il-konvenuta sostniet li *structural alterations* fil-post fil-fatt ma sarux, pero' taf li effettivament l-attur ghamel tinda ghaliex kienet iddejqu ix-xemx u kien hallasha hu. Fil-fatt meta hija kienet tghidlu biex ihallihom l-affarijiet kien jistaqsiha ghaliex, ghax kien jahseb li hija kienet ser titilqu u kienet waslet f'estrem li

kienet tibza minnu ghax huwa bniedem vjolenti. Fil-fatt meta kienu spiccaw mir-relazzjoni ta' bejniethom sahansitra kienet ghamlet rapport lill-pulizija fl-ghassa tal-pulizija ta' tas-Sliema wkoll ghaliex kien ser itajjar lilha u lil bintha. Ghalhekk ir-rapport sar ftit qabel ma spiccat ir-relazzjoni taghhom. It-tinda li kien ghamel l-attur ghadha hemm fil-post. Mistoqsi kemm tiswa din it-tinda, wiegbet li ma tafx. Hija tahseb li tiswa cirka €700 pero' ma tafx ghax mhux hi hallsitha. Hija taqbel li l-attur fil-propjeta' in kwistjoni ghandu zewgt it-twapet li ghaliha l-attur jista' jehodhom meta jrid. It-tinda qieghda hemm, pero' din hija *fixture* u ma tappartjenix lilha. Spjegat li hemm zewg *heaters* u tlett ikoni. Il-konvenuta lesta li taghtihomlu kollha bla problemi ta' xejn u li l-ikoni hemm tnejn u lesta li taghtihomlu. Il-*coffee machine* ma ghadhiex ghandha ghax kien hadha mieghu hu. Hija cahdet li kienet qabdet lill-attur biex jaghmel is-suffett ghax kien hu stess li xtaq jaghmel is-suffett.

Il-konvenuta **Flavia Borg Bonaci** regghet xehdet fil-25 ta' Novembru, 2015 li kkonfermat li huwa minnu li kellha relazzjoni mal-attur u dan ghall-perjodu ta' madwar sentejn, u li din ir-relazzjoni spiccat xi hames snin qabel. Qalet li huma kienu koppja normali fejn anke kien mar jghix maghha fir-residenza ta' missierha. Qalet li hija diga' kienet tghix ma' bintha f'din il-proprjeta' gewwa Flat 7, Galileo Apartments, The Strand, Sliema u l-attur mar jghix maghhom. Qalet li qabel ma bdiet tghix hi f'dik il-proprjeta', din kienet tinkera minn missierha lil terzi. Taf li effettivament kien jikriha ghal xi elf lira Maltin. Sostniet illi l-attur qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjez f'dan l-appartament, bhal per ezempju ghall-kera. Qalet li dak iz-zmien kienet tahdem part time ma' missierha w l-attur ukoll kellu mpjieg regolari. Ikkonfermat li l-proprjeta' in kwistjoni tappartjeni lil missierha w fil-fatt ghadha hekk sal-lum il-gurnata.

Ix-xhud qalet li ma kinitx qalet lil missierha li l-attur kien sejjer jghix maghha w dan ghaliex ma kienx jiehu pjacir. Qalet ukoll li qatt ma talbet lill-attur jaghmel xi xoghol f'dan l-appartament. Skont hi meta l-attur mar jghix maghha beda jhossu qisu qed jiddomina hu l-appartament. Ghalkemm ikkonfermat li huwa

minnu li giet installata tinda f'dan l-appartament, u li kien l-attur li hallas ghaliha, pero' qalet li dan ma kienx fuq talba taghha.

Ziedet li effettivament l-attur kien ghamel ukoll xi soffitt f'kamra wahda, ghaliex qal li l-post jigi isbah. Stqarret li effettivament l-attur kien ha hsieb li jigi nstallat dan is-soffitt u qalet li kull darba li hija kienet tipprova topponi ghal xi haga, l-attur kien jahseb b'mod negattiv u ghalhekk kienu jargumentaw. Insistiet pero' li l-*cables* tal-Melita huma rregistrati f'isimha w thallas ghalihom hi. Cahdet li l-attur qatt sellifha xi flus, anzi qalet li kemm dam jghix maghha qatt ma taha sold u lanqas *spending money*. Spjegat li meta l-attur kien telaq mill-appartament, kien ha kollox mieghu. Sostniet li ma taf xejn dwar xi Rolex li hemm id-dar, ghalkemm qalet li huwa minnu illi kienet inghatat Rolex bhala rigal.

Rat in-nota tal-konvenuta prezentata fl-atti nhar is-26 ta' Marzu 2014 li permezz taghha ipprezentat kuntratt redatt min Nutar Paul Pullicino nhar il-5 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu missierha Paul Borg kien akkwista il-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna. Dan il-kuntratt mmarkat bhala Dok A.

Rat in-nota ta' **Anthony Grech Sant** li giet ipprezentata fis-7 ta' Jannar 2015 li permezz taghha esebixxa kopja ta' cekk bin-numru 4812 fl-ammont ta' €550 u invoice relatata max-xoghlijiet ta' gypsum fl-ammont ta' €776.

Rat in-nota ta' l-attur **Anthony Grech Sant** prezentata nhar il-11 ta' Frar 2015 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu li gie markat bhala Dok AGS (fol. 38) fejn iddikjara li hu u l-konvenuta bdew jiffrekwentaw lil xulxin fis-7 ta' Jannar 2008 u wara ftit taz-zmien il-konvenuta kienet qaltlu li hi kellha problem finanzjarji u fil-fatt kellha bzonn xi flus sabiex tkun tista' thallas xi kontijiet tad-dawl u ilma. Huwa kien thassarha u biex ma jarahiex tidhol fi problem minghajr bzonn kien sellifha xi flus biex setghet thallas dawn il-kontijiet. Fl-ahhar ta' Jannar tas-sena 2008 kienet regghet talbitu ghajnuna finanzjarja, din id-darba fis-somma ta' mitejn ewro (€200) minhabba illi ma kellhix minn fejn thallas l-

assikurazzjoni tal-karozza u hu, ghax kien ihoss ghaliha u kien sar ihobbha, accetta illi jtieha dawn il-flus. Kien f'Marzu tal-istess sena illi Flavia kienet irceviet avviz illi l-polza ta' assigurazzjoni taghha kienet ser tiskadi. Din id-darba mhux talli spicca hallsilha l-polza tal-assigurazzjoni tal-karozza imma wkoll sellifha l-flus biex setghet thallas ic-citazzjonijiet li kellha pendenti.

Iddikjara li xi zmien wara kienu ddecidew li jmorru jghixu flimkien. Hija qaltlu li kellha post li kien taghha bl-isem 'Galileo Apartments', Flat 7, The Strand, Sliema. Peress li Flavia ma kellhiex servizz tal-cable, kien hadilha zewg kaxxi tal-cable li kellu d-dar. Fil-perjodu li damu jghixu flimkien, hu kien ihallas u jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' kuljum li kienu jikkonsistu f'manutenzjoni tad-dar, ikel, hwejjeg kif ukoll kontijiet tad-dawl, ilma u television. Dak iz-zmien il-konvenuta kienet rceviet mandate tal-Qorti rigwardanti dejn dovut minnha dwar kont tat-telefon u hi regghet talbitu biex ihallas l-ispejjez tal-mandat u tal-kont li kellha pendenti.

L-attur fl-affidavit tieghu kompla jghid li fil-perjodu li kien ghamel jghix ma' Flavia gewwa l-appartament f'Ta' Sliema, hija kienet urietu x-xewqa li tinstalla tinda fil-fond u taghmel xi xogholijiet ta' manutenzjoni peress li skont hi l-post kellu bzonn dawra. Fuq struzzjonijiet taghha, huwa kien ordna u hallas tinda li kienet b'kollox swietu s-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) kif ukoll spejjez ohra rigwardanti soffitt (€776) u dan wara li hi ordnat li jsiru dawn ix-xogholijiet sempliciment minhabba l-fatt illi ohtha kienet ghaddtitilha kumment illi s-salott kien wisq mudlam. Qal illi f'Ottubru 2008 kien sellef ukoll is-somma ta' hames mija u hamsin ewro (€550) lill-konvenuta biex setghet ghamlet xi xogholijiet ohra ta' manutenzjoni fil-fond gewwa tas-Sliema, fejn hi ghadha tghax sal-gurnata tal-lum. Kopja tac-cekk li permess tieghu hallas din is-somma tinsab esebita fil-process.

Il-konvenuta kienet anke talbitu biex isellifha xi flus ohra biex setghet tirranga t-twieqi ta' dan il-fond, li issa ghax hekk jaqblilha, qed tghid li hi ma ghandha l-

ebda interess jew titolu fih. Zied jghid illi l-konvenuta qatt ma qaltlu li l-fond m'huwiex taghha u qatt ma qaltlu li hi ma kinitx se thallsu lura l-flus li kien qed isellifha minn zmien ghal zmien. Fil-perjodu li kienu jghixu flimkien, ghalkemm huwa ma kien ihallas xi tip ta' kera u l-konvenuta qatt ma talbitu kera, kien jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha kif gja spjega. Hallas diversi kontijiet li kienu ilhom pendneti minn qabel ma dahal jirrisjedi mal-konvenuta u sahansitra kien anke hallas kontijiet tal-iskola tat-tfal taghha. Ta' dawn huwa mhux qed jitlob li jigi rimbursat ghaliex qatt ma kellu l-intenzjoni li jiehu lura dawn il-flus li hallas minn qalbu. Izda llum ma jarax li huwa gust li jigi mcahhad minn flus li huwa kien hallas fil-proprjeta' ta' haddiehor u fuq inkarigu tal-konvenuta biex issa qed tgawdi minnhom hi stess. Tajjeb jirrileva illi fir-risposta taghha ghall-ittra ufficjali tieghu datata 13 ta' Marzu 2013, l-konvenuta ma allegatx illi l-fond m'huwiex taghha u qatt ma kienet din id-difiza taghha.

Stqarr illi fil-perjodu li ghamel mal-konvenuta kien anke taha cekk ta' hames mitt ewro (€500) fuq isimha sabiex tkun tista' thallas il-pagament tal-iskola ta' bintha Martina Debono, li kienet tattendi l-iskola ta' St Michael's. Xi zmien wara, missieru sahansita halsilhom cruise u peress li kien jaf l-qaghda finanzjarja ta' Flavia, kien spicca taha wkoll il-flus li kellha bzonn bhala spending money.

Qal ukoll illi meta mar jghix fil-fond f'Tas-Sliema, huwa kien ha mieghu xi ghamara u mobbli ohra. Fil-fatt, fil-kontro-ezami taghha l-konvenuta tammetti li dawn il-mobbli ghadhom fil-fond. Fost dawn l-oggetti, li hu qed jippretendi li ghandu johodhom lura, hemm l-arlogg tad-ditta Rolex, tliet ikoni tal-fidda, twapet, zewg heaters, camera u magna tal-kafe. M'huwiex minnu li dawn l-oggetti tahom lill-intimata bhala donazzjoni irrevokabbli u huwa ghalhekk li llum jippretendi li johodhom lura inkluz it-tinda li ghadha nstallata fil-post.

Ir-relazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta spiccat minhabba l-karattru difficli taghha. Flavia hija mara egoista u thares biss lejn l-interess taghha, specjalment dawk finanzjarji. Illum ihares lura jghid illi Flavia uzatu biex setghet issolvi l-

problemi finanzjarji li kellha dak iz-zmien u kienet mieghu mhux ghax verament kienet thobbu.

Rat in-nota ta' **Anthony Grech Sant** prezentata nhar il-15 ta' April 2015 li permezz ta' tali nota pprezenta l-invoice mahruga min Caruana Sun Shades and Canopies limited li hija stima ta' canopy ta' dsatax-il metru li tiswa elf u hames mitt euro (€1,500).

**Paul Borg** xehed fil-21 ta' Ottubru 2015 fejn iddikjara li huwa jigi missier il-konvenuta. Huwa sid il-propjeta' Galileo Apartments No 7, The Strand, Sliema li fil-prezent tghix fih bintu Flavia. Il-flat in kwistjoni huwa propjeta' tieghu u bintu gieli tghix hemm u gieli tghix mieghu. Fil-fatt kienet ghamlet xi perjodu ta' sena ghandu wkoll ghalkemm fil-prezent tghix hemm. Fil-fatt l-arredamenti f'dan l-appartament jappartjenu lilu wkoll. Huwa ma jiehu l-ebda kera lil bintu. Sakemm qed tghix fih bintu, bintu qed taghmel l-maintenance fis-sens li tiehu hsiebu hi. Il-post qisu taghha pero' m'huwiex. Fil-fatt ohtha Bernardette xtaqet li tiehu dal-post u qed jahsibha johroghiex u jtih lil ohtha. Huwa ma jafx xi thallas u ma thallasx. X'taghmel bintu fl-appartament hu ma jafx. Huwa ilu zmien ma' jidhol fih dan l-appartament. L-ahhar darba li kien mar kien kecca lill-attur minn go fih. Huwa ma jaf xejn jekk kienx hemm xi affarijiet propjeta' ta' l-attur.

Mistoqsi jekk jafx li hemm tinda fuq il-post wiegeb li raha minn barra. Staqsa lil bintu x'kienet qed taghmel din it-tinda u qaltlu li xtaq iwahhalha l-attur. It-tinda ghadha hemm sal-lum. Lilu l-attur ma tah xejn u ghalhekk ma kellu jtih xejn tieghu. It-tinda mhix tieghu u ma hallashiex hu u lanqas jaf min hallas ghaliha. Mistoqsi jekk jafx jekk l-attur qattx ghamel xi xoghol f'dan l-appartament, ix-xhud wigeb li ma jafx ghaliex bintu ma kienet turih b'xejn u allura ma jafx. Fil-fatt lanqas kien jaf li qieghda l-Qorti mal-attur u li jaf hu li bintu ma tipprova turih xejn biex ma tinkwetahx. Huwa qatt ma hareg xi affarijiet proprjeta' ta'l-attur lanqas minn hemm. Huwa ma jmurx hemmhekk u ma kien miss xejn.

Mistoqsi ghandux xi cavetta qal li jista' jkun li hemm wahda duplikata d-dar pero' jaf li t-tifla ghandha c-cavetta tal-post. Jaf illi l-attur kellu xi ncident ma' bintu Flavia u ghalhekk keccieh 'il barra, anzi qal li mat-tifla ta' Flavia u ghalhekk dehrlu li kellu jkeccih 'il barra. Dan sa fejn jiftakar hu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi in breve f'dawn l-atti jirrizulta li l-attur u l-konvenuta ghamlu xi zmien jghixu flimkien fil-fond proprjeta' mertu tal-kawza u cioe' fil-fond Galileo Appartments Flat 7, The Strand, Sliema. Jirrizulta li l-fond huwa proprjeta ta' missier il-konvenuta u cioe' ta' Paul Borg. Jirrizulta li l-attur ghamel xi xoghol fil-fond fosthom pogga xi suffetti u tinda fuq il-gallerija. Dawn ix-xogholijiet m'humiex kontestati mill-konvenuta u tghid li ghadhom fil-fond sa llum. L-attur f'din il-kawza qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta sabiex thalsu ghax-xoghol li huwa ghamel fl-appartament fosthom l-installazzjoni tas- suffett u t-tpoggija tat-tinda fuq il-gallerija u in oltre qed jitlob ukoll lill-konvenita sabiex tirritornalu xi oggetti proprjeta' tieghu bhal twapet, ikoni, heaters, *coffee machine* u xi arlogg tad-ditta Rolex. Illi jinghad minnufih li l-konvenuta qed toggezzjona li thallas lill-attur somma flus rapprezentanti xoghol li ghamel fl-appartament u dan ghaliex l-appartament m'huwiex taghha u ghalhekk dak li ghamel ghamlu mhux ghal beneficcju taghha u in oltre iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li tirritorna z-zewg ikoni, zewg heaters u z- zewgt itwapet li l-attur ghandu fil-fond mertu tal-kawza.

Illi din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tiddiskuti it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioe' fejn qed tecepixxi li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhix il-legittima kontradittur ta' l-attur essendo li l-benefikati li semmai saru, saru a beneficcju ta' terzi u mhux taghha.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri ) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**' jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Lawrence Formosa vs Silvio Pace**', deciza 9 ta' Jannar 1998 trattat punt simili ghal kaz odjern u cioe' fejn il-konvenut kien issoleva l-eccezzjoni li huwa ma hux legittimu kontradittur stante li l-fond li dwaru kienet qed issir il-kawza ma kienx tieghu u konsegwentement dik il-Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju.

Jinghad f'din il-kawza jirrizulta bic-car li l-fond Flat 7, Galileo Apartments, The Strand, Sliema nxtara minn Paul Borg nhar il-5 ta' Ottubru 1994 permezz ta' kuntratt redatt quddiem in-Nutar Paul Pullicino. Illi jirrizulta wkoll li fil-prezent tghix f'dan il-fond hemm bint l-istess Paul Borg li kienet ghal xi zmien f'relazzjoni mal-attur. M'hemmx dubbju li l-benfikati li l-attur qed jghid li ghamel, li fil-fatt m'humiex kontestati mill-konvenuta, saru a beneficcju ta' Paul Borg u dan ghaliex huma fixtures li l-propretarju jista igawdi minnhom. Illi ghalhekk fir-rigward tat-talba tal-attur sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma rapprezentanti spejjez inkorsi rigward xoghol fis-soffitt u twahhil ta' canopy fil-propjeta' f'The Strand, din kellha tigi indirizzata kontra Paul Borg u ghalhekk f'dan ir-rigward, zgur li m'ghandhiex twiegeb il-konvenuta.

Dan nonostante pero' din il-Qorti ma tistax tasal biex tghid li l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghaliex it-tieni talba ta'

l-attur u cioe' sabiex l-konvenuta tirrifondi lura oggetti mobbli proprjeta' tieghu fosthom Rolex, zewg heaters, ikoni tal-fidda u xi twapet jinghad li t-twapet, heaters u l-ikoni qeghdin ghand l-konvenuta kif stqarret hi stess u ghalhekk hija hi stess trid twiegeb ghal din it-talba.

Huwa in dubitat anke mix-xhieda li tat l-konvenuta stess li fil-pussess taghha hemm zewgt itwapet, zewg heaters u zewgt ikoni tal-fidda li huma proprjeta' ta' l-attur u li hija disposta li tirritornhom lilu. Fir-rigward ta' l-arlogg Rolex ma jidhirx li dan ghadu fil-pussess taghha.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni u cioe' li l-azzjoni hija preskritta din ma tirrizultax u dan ghaliex hija l-konvenuta stess li tghid li ghandha propjeta' mobbli ta' l-attur li disposta tirritorna u ghalhekk tali eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tirrizultax stante li l-konvenuta stess qed tirrikonoxxi t-talba attrici.

Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni u cioe' li t-talbiet attrici ghandhom jigu pacuti ghall-godiment tal-istess fond mill-attur, jinghad li din l-eccezzjoni ma tirrizultax ukoll u dan ghaliex ma tistax tkun l-konvenuta li tecepixxi eccezzjoni bhal din u dan ghaliex il-fond mhux taghha u ghalhekk mhix hi ser tiggwadanja minn tali oggetti mobbli izda Paul Borg u konsegwentement huwa biss Paul Borg li semmai jista' iqajjem eccezzjoni bhal din. Din it-tielet eccezzjoni qed tigi ukoll michuda.

Fil-konfront tar-raba' eccezzjoni u cioe' li l-konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata sabiex tirrofondi lura l-oggetti mobbli ghaliex inghataw lilha b'donazzjoni jinghad li fir-rigward tat-twapet, heaters u l-ikoni, il-konvenuta stess qed tghid fix-xhieda taghha li hija disposta tirritorna dawn l-ogetti lill-attur u ghalhekk din it-talba ser tintlaqa' pero' fir-rigward tal-arlogg Rolex stante li l-attur ma pprovax b'mod sodisfacenti li verament kien halla arlogg Rolex warajh, din it-talba qed tigi michuda.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici limitatament sabiex il-konvenuta tirritorna lill-attur zewg ikoni tal-fidda, zewg heaters u zewg twapet u dan fi zmien gimgha mill-lum u tichad l-kumplament tat-talbiet fil-konfront tal-konvenuta odjerna.**

**L-ispejjez tal-kawza huma kollha a karigu tal-attur.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**